# ĠITA TA' 9 T'IJIEM FEJN INŻURU DIVERSI 'STUD FARMS' U STALEL FIN-NORMANDIJA U NASSISTU GĦALL-

# PRIX D'AMERIQUE 2012



## MIL-21 SAD-29 TA' JANNAR 2012

**Inżuru : Pariġi, il-korsa ta' Vincennes, it-Training Grounds ta' Grosbois, Cabourg, numru ta' rziezet tat-tagħmir u stalel fin-Normandija, Rouen, Mont St. Michel u t-Theme Park ta' Disneyland.**

**Is-Sibt 21.01.12 :**

Fis-6.00am niltaqgħu mat-*tour leader* fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta għaċ-*check-in*. Fit-8.10am nitilqu fuq it-titjira tal-Air Malta KM466 lejn **Pariġi**. Hekk kif naslu fl-ajruport ta' Orly fil-11.00am insibu kowċ jistenniena biex jeħodna mill-ewwel il-korsa ta' Vincennes biex nieklu u nassistu għat-tiġrijiet. Wara li jispiċċaw it-tiġrijiet immorru bil-kowċ fil-lukanda tagħna 3 *star* f'Pariġi. Wara li nagħmlu ċ-*check-in*, immorru bit-trasport pubbliku sa hdejn ix-*Champs Elysees* biex nieklu.

**Il-Ħadd 22.01.12 :**

Wara l-kolazzjon *buffet* ikollna *optional excursion* ta' nofs ta' nhar bil-kowċ madwar **Pariġi.** Fost l-oħrajn naraw *Place de La Concorde*, *l-Avenue des Champs-Elysees, l-Arc de Triomphe* u nagħmlu waqfa ħdejn it-*Torri Eiffel* biex nitilgħu fuqu (entratura bil-*lift* sat-tieni sular inkluża fil-prezz tal-eskursjoni). Għal xi nofsinhar nibqgħu sejrin bil-kowċ fil-*Hippodrome* ta' **Vincennes** (dħul *extra)* sabiex nattendu għat-tiġrijiet. Il-lum fil-korsa ta' Vincennes ikun hemm numru ta' tiġrijiet bi premjijiet kbar fosthom it-tiġrija Internazzjonali fuq id-dahar (*Monte*) magħrufa bħala l-***Prix de Cornulier***. Wara t-tiġrijiet nirritornaw bil-kowċ fil-lukanda u filgħaxija noħorġu niċċenaw flimkien.

**It-Tnejn 23.01.12 :**

Wara l-kolazzjon *buffet,* nagħmlu *c-check-out* u fit-8.00am, naqbdu t-triq lejn waħda mill-isbaħ partijiet ta' Franza, in-Normandija. Nagħmlu waqfa f'**Rouen**, belt antika u tassew ħelwa. Naraw fost l-oħrajn il-pjazza tas-suq fejn Joan of Arc, il-qaddisa patruna ta' Franza, kienet ġiet maħruqa. Naraw ukoll ħafna

djar tipiċi antiki, il-*Gros Horloge* u l-Katidral ta' *Rouen* fejn tinsab ix-xabla ta' *Joan of Arc*. Ikollna wkoll ħin għall-ikel u għax-xiri mill-ħafna ħwienet li hemm. Fi triqitna lejn il-lukanda nagħmlu waqfa f'Coupesarte biex inżuru **Haras de la Barbotiere** fejn fost l-oħrajn naraw **Flash de Jiel**, **Neoh Jiel** u **Qualypso Jiel**. Inkomplu sejrin bil-kowċ lejn il-lukanda tagħna 3 *star* f'**Cabourg**. Filgħaxija noħorġu flimkien biex niċċenaw.

**It-Tlieta 24.01.12 :**

Il-lum hija ġurnata fejn ser inżuru tliet *stud farms* fin-Normandija. Għalhekk, wara l-kolazzjon *buffet* fit-8.00am nitilqu bil-kowċ lejn **Christophe Le Jajolet** biex inżuru l-faċilitajiet li joffri li *stud farm* ta' **Haras de Sassy**, fosthom l-istalel, il-pixxina u ċ-ċentru *Balneotherapie*. F'dan ir-razzett tat-tagħmir nistgħu naraw mill-qrib żwiemel ta' klassi bħal **Echo**, **New des Landes**, **Nice Love**, **Kesaco Phedo**, **Niky**, u oħrajn.
Minn hawn nibqgħu sejrin **Haras De Ginai** u **Ecurie Le Tremont**, fejn fost l-oħrajn hemm stazzjonati żwiemel bħal **Install**, **Oiseau De Feux, Korean, Quaro, Rolling D'Heripre** u **Orlando Vici**. Imbagħad immorru nieklu fiż-żona ta' **Nonant-Le-Pin**. Wara l-ikel ser inżuru l-istalel Ecurie Aimef u mbagħad nirritornaw lejn il-lukanda f'Cabourg.

**L-Erbgħa 25.01.12 :**

Wara l-kolazzjon *buffet* fit-8.00am nitilqu bil-kowċ lejn **Haras de Gruchy** f'Saon biex naraw il-leġġendarju **Ourasi** li rebaħ il-*Prix d'Amerique* erbgħa darbiet. Minn hawn, nibqgħu sejrin **Moyon** biex inżuru li *stud farm* **Haras de la Cour** li hu magħruf għal numru ta' żwiemel ta' klassi kbira fosthom **Jag de Bellouet**. Minn hawn nibqgħu sejrin lejn **Mont St Michel** biex ingawdu s-sbuħija ta' dan il-post pittoresk. Nippranzaw fiż-żona ta' Mont St Michel. Nirritornaw fil-lukanda u wara noħorġu flimkien biex nieklu.

**Il-Ħamis 26.01.12 :**

Nieħdu l-kolazzjon *buffet* kmieni filgħodu u fit-8.00am nagħmlu ċ-*check-out* mil-lukanda u nitilqu bil-kowċ lejn Pariġi. Kif naslu Pariġi nibqgħu sejrin l-*Hippodrome* ta' Vincennes (dħul *extra)* sabiex nattendu għat-tiġrijiet. Wara t-tiġrijiet immorru fil-lukanda tagħna 3 *star* f'Pariġi u nagħmlu ċ-*check in.* Filgħaxija, noħorġu mat-*tour leader* saċ-ċentru ta' PariġI bit-trasport pubbliku.

**Il-Ġimgħa 27.01.12 :**

Wara l-kolazzjon *buffet,* ikollna *optional excursion* ta' jum sħiħ għal **Disneyland**. Nitilqu fid-9.00am biex ingawdu u niddevertu fl-akbar u l-aħjar *Theme Park* ta' l-Ewropa. Hawn niskopru *Fantasyland, Adventureland, Frontierland, Discoveryland* u ħafna iżjed. Niltaqgħu ma' *Mickey Mouse* u *Donald Duck* u naraw numru kbir ta' *shows* u nagħmlu ħafna *fun rides*. Insomma kemm il-kbar u ż-żgħar ser jiddevertu żgur!
Imbagħad fis-6.00pm naqbdu t-triq lejn Vincennes sabiex nassistu għal-irkantijiet taż-żwiemel. Filgħaxija, nirritornaw bil-kowċ lejn il-lukanda.

**Is-Sibt 28.01.12 :**

Kolazzjon *buffet*. Wara tiġi organizzata *optional excursion* għal **Grosbois**, li jinsab f'**Boissy-Saint-Leger**. Hawnhekk inżuru t-*Training Centre* u naraw mill qrib kif isir it-taħriġ taż-żwiemel. Wara mmorru fil-*Hippodrome* ta' Vincennes (dħul *extra)* sabiex nattendu għat-tiġrijiet. Filgħaxija, mmorru bit-trasport pubbliku mat-*tour leader* saċ-ċentru ta' Parigi.

**Il-Ħadd 29.01.12 :**

Wara l-kolazzjon *buffet*, nagħmlu ċ-*check-out* mill-kmamar u nitilqu mil-lukanda għall-*Hippodrome* ta' Vincennes (dħul *extra)* sabiex nassistu għat-tiġrija tant mistennija ta' fama mondjali, **Prix d'Amerique**. Qabel it-tiġrija, naraw sfilata verament sabiħa u varjata. Imbagħad fil-5.00pm, trasferiment bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Orly, minn fejn fit-7.45pm intiru fuq KM477 lejn Malta. Naslu Malta fl-10.20pm.

**Prezzijiet:**

| | |
|---|---|
| **Adult f'kamra ta' 3 sodod** | **€ 1230** |
| **Adult f'kamra ta' 2 sodod** | **€ 1290** |
| **Adult f'kamra singola** | **€ 1490** |
| **Tfal sa 11-il sena (fl-istess kamra ma' 2 kbar)** | **€ 950** |
| ***Insurance standard* adulti** | **€ 23** |
| ***Insurance standard* tfal** | **€ 13** |

**Prezz jinkudi**

- Titjira mal-Air Malta għal Pariġi u lura
- Trasferimenti skont il-programm
- Akkomodazzjoni f'lukanda 3 *star* f'Pariġi għal 5 t'iljieli.
- Akkomodazzjoni f'lukanda 3 *star* fin-Normandija għal 3 iljieli
- Kolazzjon *buffet* kuljum
- L-eskursjonijiet kollha skont il-programm (minbarra dawk *optional*)
- Taxxi kollha u *service charge*
- Servizz ta' *Tour Leader*

| **Optional Excursions** | **Kbar** | **Żgħar** |
|---|---|---|
| Nofs ta' nhar - Pariġi (inkluż entratura għall-Eiffel Tower) | € 36 | € 18 |
| Jum sħiħ - Disneyland (entratura nkluża) u Vincennes | € 70 | € 48 |
| Eskursjoni - Grosbois/Vincennes | € 30 | € 15 |

*** Ikel u xorb mhux inklużi fil-prezz**

## Għal aktar dettalji ċemplu 99493502 (Piju)

## (Postijiet Limitati)